MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## BONNICI JOSEPH

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 571/2001/1

**John Cordina ezercitanti l-kummerc taht l-isem Caffe Cordina**

**vs**

**Nicholsons The Supermarket Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm359.05c (tlett mija u disgha u hamsin lira Maltin u hames centezmi) rapprezentanti l-prezz ta' diversi konsenji ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju li qieghed jigi ntavolat kontestwalment, bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-interpellazzjoni ossia 23 ta' Lulju

2001 u bis-socjeta’ konvneuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

Illi l-ammont pretiz mhux dovut.

Illi sussidjarament u minghajr pregudizzju ghas-suespost operat tpaccija skond il-ligi.

Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur noe ghandhom jigu michuda.

Salvi eccezzjonijiet ultejuri.

Sema’ x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi l-onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat.

Il-kreditur irid jipprova l-pretensjoni kreditrici tieghu fil-kaz odjern pero’ l-konvenut ghazel it-triq li jallega li mhux debitur. Allura l-oneru jdur fuqhu. Huwa ma jallegax li ma hax il-prodott minn ghand l-attur izda gie ritornat lilhu.

Illi in difesa ta’ tali pretensjoni; huwa esebixxa zewg return notes iffirmati minn persuna f’isem is-supplier ossia l-attur. Il-konvenut jinsisti li gew iffirmati minn xi hadd tal-attur. Dan huwa negat mill-istess attur. Mhux hekk illi gie sostnut li firmatarji huma tlieta – l-attur, it-tifel tieghu Jahel u l-impjegat ta’ 47 sena Eucharistic Baldacchino. Lanqas ma jirrispekjaw firma ta’ xi mpjegat tieghu. L-unici tnejn li jeffettwaw u jirtiraw merkanzija huma l-istess impjegati u t-tifel. Ir-return notes ma jgibux il-firem taghhom.

Jigi ritenut li fil-kamp civili, l-attur irid jipprova il-kaz tieghu fuq bilanc ta’ probabilitajiet. Dana l-attur irrnexilhu jaghmlu.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm359.05c (tlett mija u disgha u hamsin lira Maltin u hames centezmi) prezz ta' oggetti ta' pasticcerija mibjugha u konsenjati bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**